Moviment Azzjoni Soċjali
(M.A.S.)

(VO 2025)
15, Triq Zekka,
Il-Belt Valletta VLT 1512
info@mas-malta.eu

## 1. INTRODUZZJONI DWAR IL-M.A.S.

Il-Moviment Azzjoni Soċjali (M.A.S.) ilu mwaqqaf mill-1955 u huwa ispirat mid-duttrina soċjali Kattolika, bi prospettiva patrijottika u favur il-ġustizzja soċjali skond it-tradizzjoni Kattolika u t-tradizzjoni tal-M.A.S. stess, u dan speċjalment *"għall-elevament kulturali, ekonomiku, soċjali u morali tan-nazzjon, u b'mod partikolari tal-ħaddiema u dawk l-aktar umli u fil-bżonn."* Għal aktar informazzjoni wieħed jista' jsib l-istatut tal-moviment fuq www.mas-malta.eu, fis-sezzjoni Informazzjoni, u partikolarment l-artikoli 3 u 4 dwar in-natura u l-missjoni tagħna.

F'riforma importanti tal-istatut li seħħet mill-2022 'il quddiem, il-valuri u prinċipji tal-M.A.S. inżammu integri skond it-tradizzjoni tiegħu u in linea mal-istess ġiet osservata dik li llum tidher realtà għal kulħadd, cioè (art. 4.2):

> *"Fis-seklu wieħed u għoxrin wara Kristu, il-Moviment Azzjoni Soċjali huwa avvers għall-prekarjat mifrux, l-ispekulazzjoni tas-sold faċli, l-ekonomija minfuħa msejjsa fuq l-ispekulazzjoni u t-tkabbir artifiċjali f'kull qasam u mhux lanqas f'dak tal-popolazzjoni tal-gżejjer lil hinn minn kull kejl prudenti ta' sostenibbiltà fit-tul. Dan kollu jinbet minn ethos materjalistiku li progressivament javvanza kwantitattivament u kwalitattivament u dejjem qiegħed iwassal għad-degrad kulturali, soċjali u ambjentali li jgħakkes l-progress ġenwin tal-komunità Maltija."*

## 2. IL-MALTI?

Ilment preliminari partikolari tal-M.A.S. huwa li dwar xi ħaġa daqshekk importanti għall-futur tan-nazzjon Malti u l-Istat jagħżel li d-dokument li jniedi l-proposta politika għall-konsultazzjoni pubblika huwa bl-Ingliż biss. Fl-istess waqt il-Gvern ilissen *buzzwords* bħal *"integration"* li jinvolvu l-għarfien tal-Malti mill-barranin li l-Istat jippermetti fostna.

Almenu, aħna ma rnexxilniex insibu d-dokument bil-Malti. Id-dokument jismu *Labour Migration Policy*, se nsejħulu Politika dwar il-Migrazzjoni tax-Xogħol, jew ir-"rapport".

## 3. L-IXPRUN TA' DIN IL-POLITIKA DWAR IL-MIGRAZZJONI TAX-XOGĦOL

Dil-proposta politika mhi ġejja minn imkien ieħor ħlief l-għadab ġustifikatissimu tal-Maltin f'pajjiżhom u l-volontà nazzjonali li ma nibqgħux sejrin fuq rotta fejn f'art missirijietna hawn aktar barranin f'livelli li jwassluna li ma nħossuniex ngħixu f'ambjent soċjokulturali Malti, kif għandna l-għola dritt bħala Maltin, bla ħsara għad-drittijiet fundamentali ġenwini ta' kull bniedem.

**F'dar-rapport, li huwa ġeneralment pożittiv, tidher volontà politika timida li l-interessi tat-tornakont ta' wħud, hux Maltin jew barranin, ma jibqgħux jiddettaw il-linja fir-Repubblika ta' Malta.** Id-direzzjoni inizzjali

u impliċita hija tajba, u rridu naraw li minn tajba trid issir pożittiva fis-sens li jittieħdu deċiżjonijiet, anke iebsa, biex tingħata verament effett flok nispiċċaw b'ingann għal skopijiet elettorali.

Fir-rapport tidher issir distinzjoni bejn il-Maltin u l-potenzjal ekonomiku ta' Malta. Wieħed jista' jgħid li d-distinzjoni lanqas biss għandha ssir, iżda jekk issir ikun biss għal raġunijiet tekniċi, u jekk hekk issir dak il-potenzjal ekonomiku m'għandux jibqa' jitħalla jieħu s-sopravvent fuq il-Maltin. L-ewwel in-nazzjon Malti, li jgħix f'Malta li tidher, tkun u tinħass Maltija fuq kollox, bl-ekonomija sservih u mhux bil-kontra kif sirna, u kif sirna hija r-raġuni għal din il-proposta governattiva għal *Labour Migration Policy*.

**Il-M.A.S. iqis pożittivament l-idea ideali wara din il-proposta, jew objettiv fit-tul, tal-Gvern: jiġifieri l-bidla ekonomika minn ekonomija dipendenti fuq ir-riżorsi umani għal waħda ffukata fuq is-snajja, il-preparazzjoni teknika u professjonali. Din hija tajba fiċ-ċirkostanzi.**

## 4. KUNTEST

Il-kuntest għall-kummenti tagħna dwar ir-rakkomandazzjonijiet proprja tal-Gvern huma l-missjoni tagħna f'1 hawn fuq, u li ġej.

### *I. TERZ TAL-ĦADDIEMA HUMA BARRANIN*

Fl-introduzzjoni r-rapport jitlaq mid-dikjarazzjoni li terz tal-ħaddiema reġistrati f'Malta huma barranin. S'hemmhekk ma jingħadx minn fejn però, u hemm differenza netta bejn ħaddiema mill-UE u oħrajn li mhux, għal diversi raġunijiet. Nemmnu fondamentalment li għad-deċiżjonijiet u pjanar politiku serju hemm bżonn li ssir distinzjoni netta bejn ħaddiema mill-UE u mill-Ewropa in ġenerali, u dan bla ħsara għad-dinjità fundamentali ta' kull ħaddiem u ġeneralment għal trattament kemm jista' jkun ugwali[1] bejn il-ħaddiema f'sitwazzjonijiet ugwali.

### *II. PROGRESS GĦALL-MALTIN, KWAŻI RAZZISTA? FLOK INTEJBU D-DINJITÀ TAX-XOGĦOL, NIMPORTAW MIN LEST JAGĦMLU GĦAL ANQAS*

Il-M.A.S. jesprimi tħassib għall-idea miġjuba fir-rapport li l-migrazzjoni ekonomika mill-2013 'l hawn, kif riportat fir-rapport stess, wasslet sabiex aktar ħaddiema Maltin javvanzaw għal xogħlijiet ta' kwalità għola. Din insidjuża. X'jiġifieri, li għal xogħlijiet ta' kwalità aktar baxxa importajna l-barrani flok rajna li l-kundizzjonijiet tax-xogħol jitjiebu għal kulħadd? Minn fejn importajna l-barrani u b'liema kundizzjonijiet (ta' sfruttament?) għal dawn il-ħaddiema fostna? Aktar 'il quddiem inpoġġu f'kuntest aħjar dan it-tħassib minn dak li jirriżulta fir-rapport innifsu u li jirriżulta mill-ħajja f'Malta.

### *III. IL-PRINĊIPAL JIRRENJA*

Mir-rapport innifsu jingħad ċar u tond li l-migrazzjoni ekonomika hija mmexxija mill-prinċipali (min iħaddem), u dawn naturalment jaraw l-interess ekonomiku tagħhom u mhux tan-nazzjon. L-Istat, bid-direzzjoni tal-Gvern, għandu jara li l-interess nazzjonali jiddomina anke jekk ma jindaħalx fejn m'hemmx bżonn u f'sitwazzjonijiet ideali għandu joqgħod lura immens. Però, issa l-bżonn huwa ċar, il-mano libera mħollija lill-

---

[1] Jekk wieħed jidħol fid-dettall, lil hinn minn dik li saret *buzzword* oħra ideoloġika bħal "ugwaljanza", ħaddiem Malti, ħaddiem Ewropew u ħaddiem mhux Ewropew f'Malta huma ugwali fi drittijiet f'ħafna każijiet, u mhux f'oħrajn importanti li fihom id-diskriminazzjoni tista' tkun ġustifikata. Eż. ħaddiem mill-UE ma għandux ikun piż fuq is-sistemi tal-assistenza soċjali ta' Malta, u dan skond il-liġi tal-UE. Ħaddiema minn barra l-UE spiss għandhom iħallsu għall-użu tas-sistema tas-saħħa pubblika tant li sena wara sena jitħallu kontijiet b'lura minn barranin minn barra l-UE. Dan diskriminatorju, iżda ġust.

operaturi ekonomiċi tattakka l-għixien Malti tan-nazzjon Malti. Din il-*Labour Migration Policy* hija risposta għal karba popolari dejjem tikber għal dan, u żgur mhux tal-prinċipali u l-operaturi ekonomiċi li tħallew jirrenjaw u jiddettaw il-linja lill-Istat.

## *IV. PRINĊIPJU MORALI U LEGALI – IL-MALTIN JONQSU FL-EWROPEITÀ MIXTIEQA FIX-XOGĦOL*

Ir-rapport stess jgħid ċar u tond dak li huwa prinċipju morali u obbligu skond il-liġi li x-xogħolijiet l-ewwel jiġi offerti lil Maltin u ċittadini tal-UE li jkunu qegħdin ifittxu x-xogħol. Iżda, ġeneralment l-offerta li ssirilhom mhix tajba, u l-prinċipali tħallew iduru ma' dak l-obbligu u jimpjegaw nies b'pagi li għal Ewropew huma baxxi. Kif tista' tiġbed ħaddiema mill-UE jekk tħallas pagi tajbin biss għal oħrajn minn pajjiżi terzi b'livelli ta' pagi ferm aktar baxxi?

Skond ir-rapport, mix-xogħlijiet ġodda li nħolqu mill-2013 'l hawn, 30,000 marru għal ċittadini Maltin (*"Maltese nationals"*, però lkoll nafu li hawn ħafna barranin "naturalizzati Maltin" għar-Repubblika ta' Malta). L-anqas li marru għal ċittadini tal-UE, filwaqt li aktar mid-doppju li marru għal ċittadini Maltin marru għall-barranin mhux mill-UE. Din sinifikattiva immens, għalfejn? **Malta m'għandux ikollha provvista tax-xogħol limitata għal Malta, mhux meta dħalna fl-UE fl-2004.**

**Is-suq tax-xogħol tagħna suppost ikopri l-ħaddiema kollha tal-UE, u minn hemm għandhom jiġu l-ħaddiema li Malta għandha bżonn. L-Istat kellu jara li jiddirezzjona l-ekonomija Maltija lejn dak, mill-2004 'l hawn, aħseb u ara mill-2013. Minflok, il-Gvernijiet, in gran parti servi tal-kapitalist u s'issa b'arranġamenti soċjali biex ikampa kulħadd, ġabu 67,000 ħaddiema minn barra l-UE li fil-kważi totalità tal-każi minn postijiet li fihom il-pagi skwallidi, għax il-Gvernijiet sa issa ma kinux kapaċi jaraw li l-pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol Maltin jitilgħu għall-għola livelli tal-UE għal kull settur lavorattiv.**

Mill-UE ma jiġux, jew ftit li xejn, għax fis-setturi kollha l-pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol f'Malta ma jikkompetux għall-ħaddiem tas-sengħa, kapaċi u professjonali Ewropew. Dan jixhdu r-rapport innifsu, tant li jsostni li minn l-UE l-ħaddiema Ewropej okkupaw xogħlijiet speċjalizzati, b'kundizzjonijiet deċenti u mhux fjakki. Minflok rajna li l-linja ekonomika ġenerali kienet li għas-setturi kollha nieħdu mis-suq tax-xogħol tal-UE għaddejna biex inġibu ħaddiema spiss ta' kwalità baxxa minn pajjiżi terzi biex jagħmlu xogħlijiet li "l-Maltin ma jridux jagħmlu" jew li "m'hawnx Maltin biex jagħmluhom". Dan kollu b'għażliet politiċi u ekonomiċi konxji u għat-tornakont fl-immedjat, sa xiber imnieħer il-kapitalist opportunist li ma jarax lil hinn għas-sostenibbiltà u l-għixien nazzjonali tal-Maltin f'Malta. Essenzjalment, dik kienet il-politika tal-Gvern taħt il-miraklu ekonomiku mill-2013 'l hawn. Miraklu ekonomiku mhux għan-nazzjon Malti, iżda tal-istatistika u l-ġid dejjem aktar ikkonċentrat f'anqas idejn, b'ħafna Maltin jieħdu ftit ċejċa u spiss bil-flejjes ġenerati mix-xogħol barrani f'Malta jitilqu minn Malta. **Issa wieħed japprezza li l-Gvern qed jifhem li dik l-opra ma tistax tkompli indefinittivament. Il-Ministru qalilna wkoll li l-Gvern qiegħed jisma' (lill-poplu?), u hekk għandu jagħmel u aħna għandna nitkellmu b'leħen sod Malti. Jekk ma nagħmlux hekk jgħidulna li ma tkellimniex, u kollox kien ward u żahar għalina.**

## *V. PROGRESSI TAJBIN IŻDA DEKONTESTWALIZZATI U LI JIŻVIJAW MIS-SEWWA*

**Ir-rapport jgħidilna wkoll li l-paga f'Malta għoliet aktar minn kemm għoliet fil-kumplament tal-UE. Inċapċpu jew nistaqsu?**

Nistaqsu minn fejn telqu l-pagi Maltin u dawk f'ħafna stati tal-UE li għandna nħarsu lejnhom għall-progress ekonomiku tagħna?

Malta daħlet fl-UE flimkien ma' ħafna stati tal-Ewropa ta' Lvant li kienu għadhom ħerġin minn realtajiet Kommunisti. L-aħħarin kellhom pagi u kundizzjonijiet tax-xogħol aktar baxxi minn Malta u b'riżultat ta' dan huma niżlu sew il-medja tal-UE. Iżda, Malta kellha u għandha taspira għal-livelli tal-allura Ewropa tal-Punent, li ġeneralment għadhom fil-quċċata fl-UE f'dar-rigward. Malta 'l hemmhekk kienet tħares, Malta 'l hemmhekk għandna tħares.

**Ir-realtà tat-tkabbir tal-UE fl-2004 llum tagħtina Malta nofs triq fl-UE fis-salarju medju annwali, però b'xi €8,000 anqas mill-medja tal-UE wkoll. Però, li Malta kellha tidħol fl-UE waħeda lura fl-2004, ir-realtà statistika u ekonomika ta' Malta kienet tidher ferm aktar agħar u ma kienx ikun hemm wisq biex tiftaħar.**

**U dan ma jqisx ir-realtà soċjoekonomika Maltija li fiha l-proprjetà immobbli bilkemm tista' tinxtara minn Maltin, speċjalment koppji żgħażagħ li għandhom ifittxu li jkattru familji Maltin, u lanqas iqis il-prezzijiet ta' ħafna prodotti ta' neċessità għal ħajja deċenti u verament progressiva. Li dan ma kienx biżżejjed, l-istess dokument governattiv jurina wkoll li mill-2021 'l hawn filwaqt li r-rata ta' żjieda fil-pagi baqgħet togħla ġeneralment fl-UE, f'Malta bdiet tonqos.**

### *VI. KOSTRUZZJONI, AGRIKOLTURA U SAJD*

Skond ir-rapport is-setturi tal-kostruzzjoni u dawk tal-agrikoltura u s-sajd raw l-anqas żidiet fil-pagi f'Malta. L-aħħar żewġ setturi mhux nieqsa minn ħaddiema barranin, u kulħadd jara min qiegħed jaħdem l-aktar fl-industrija tal-kostruzzjoni daż-żmien.

**L-agrikoltura u s-sajd spiss setturi li x-xogħol fihom mill-Maltin ma ġiex valorizzat kif jixraq, spiss ħabba fatturi komplessi inkluż nuqqas' ta' protezzjoniżmu u s-suq ħieles li ġabet l-UE, li jirrendi l-kompetittività prekarja għall-produtturi Maltin. Dan f'kuntest fejn anke jekk jilħqu l-massimu tal-produzzjoni tagħhom, għall-popolazzjoni li hawn Malta l-importazzjoni alimentari tibqa' kif dejjem kienet neċessità storika, demografika u ekonomika.**

**Mill-banda l-oħra, l-industrija tal-kostruzzjoni**, li l-ispekulazzjoni fiha laqat ferm ħażin lis-settur tal-agrikoltura wkoll, qajla għandhom bżonn kummenti. **Din l-industrija vampir sostnut mill-barrani, vampir fuq in-nazzjon u l-ambjent tagħna.** Vampir oħxon, jifga fid-demm tal-ispekulazzjoni, ma jarax li se jifqa' l-ambjent soċjali, kulturali u naturali li messu jaħdem f'armonija miegħu. **Il-M.A.S. mhux se jikkontempla l-mantra ingannevoli dwar kemm gawdew Maltin minn din. Mhux vera gawdew IL-MALTIN bħala tali. Gawdew ċertu nies. Dawn ma gawdewx għax Maltin, gawdew għax raw sa xiber imneħirhom, forsi sa ta' familthom l-aktar, a skapitu tal-Maltin bħala tali, bħala nazzjon organikament kommunitarju u mhux massa ta' opportunisti individwalisti. Ir-risposti politiċi għandhom ikunu risposti Maltin, mhux risposti għal min in-nazzjon jgħaddi minn fuqu għal butu.**

### *VII. DEMOGRAFIJA NAZZJONALI*

Naqraw lill-Prim Ministru stess fir-rapport u nibdew bil-problema fondamentali tkun ir-rata tal-fertilità tal-Maltin. Din impoġġija fi kliem ieħor, cioè l-età medja tal-Maltin dejjem togħla. Din l-għajn tal-problemi li għandna naffrontaw bħala nazzjon, din hija il-problema epokali u l-vera għajn ta' din id-diskussjoni stess.

### *VIII. KLIEM IL-PRIM MINISTRU*

Fi kliem il-Prim Ministru nsibu żewġ punti tajbin u kondiviżibbli, (i) li l-ħaddiema barranin jitħaddmu biss minn prinċipali tajbin. Issa wieħed irid jara xi tfisser li tkun prinċipal tajjeb; u (ii) li b'dil-politika l-Gvern qiegħed jgħid li l-migrazzjoni ekonomika (jew tax-xogħol) għandha tkun u se tkun fermament f'idejn l-awtoritajiet.

Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' Malta, (i) għassa u fermezza fuq tal-ewwel; u (ii) hekk għandu jkun, l-iStat fejn tidħol il-preżenza barranija fostna dejjem għandu jkollu l-awtoritajiet fermament fil-kontroll. Il-liberalità żejda fl-ingaġġ ta' ħaddiema barranin hija ta' ħsara għan-nazzjon bħala tali, u kif għidna waslitna għal dil-proposta politika. Bla dubbju, li kieku kien hemm prudenza u aktar pjanar fit-tul snin ilu, ma konniex inkunu hawn, mogħmijin bir-rgħiba u n-nazzjon jintesa u jiġi trattat qisu xejn ma hu. Irridu li l-ekonomija sservi n-nazzjon Malti, mhux in-nazzjon soġġett għall-ekonomija.

## *IX. KLIEM IL- MINISTRU*

Il-Ministru jgħidilna li bħala Gvern Malti dejjem fil-kontroll u jiddeċiedi fl-interessi taċ-ċittadini min jgħix f'pajjiżna, u skond liema ċirkostanzi. Jgħidilna li dan għall-protezzjoni tal-ħaddiema Maltin, il-kontribwenti fiskali u l-ambjent prezzjuż. Tajjeb wisq, però mhux dejjem hekk kellu jkun? Dar-rapport u kliem il-Ministru ammissjoni li nqassna lilna nfusna tul is-snin, u żgur li kulħadd responsabbli li ħallejna dis-sitwazzjoni toktor taħt xi illużjoni ta' xi l-aqwa żmien, epoka tad-deheb fażulla. Mhux anqas responsabbli l-Gvern, li issa jrid jirranġa.

**Il-Ministru jidher jagħtina prinċipji ċari biex ninterpretaw il-viżjoni governattiva. Fost l-oħrajn, li kontra "free-for-all". X'jiġifieri, kellna u għandna "free-for-all" fir-rispett ta' min jista' jimpjega lil min? Forsi s-suq liberalkapitalista wriena kemm hu perikoluż u, jew antipatku għan-nazzjon? Għandna wkoll il-waqfien tal-isfruttar u l-protezzjoni tad-drittijiet ta' kull ħaddiem. Ma kellniex bżonn *"Labour Migration Policy"* għal dan il-għan. Wieħed ried japplika l-liġijiet eżistenti b'mod ġust u jinforzahom b'mod li ma jħallix indulġenza lill-prinċipali bla skrupli.**

Il-bidla fir-rotta tajba immens, bħala Kristjani fil-M.A.S. nilqgħu r-redenzjoni u ninkorraġuha dejjem. Aħjar tard milli qatt.

Kif jikteb il-Ministru, din hija waħda mill-aktar kwistjonijiet urġenti li l-pajjiż qiegħed jaffaċċa (magħquda, anzi in gran parti kawżata mid-demografija nazzjonali u r-rata ta' natalità). Kif kitbilna l-Ministru, aħna se ngħidulu dak li naħsbu għar-rakkomandazzjonijiet proposti, wara li nikkummentaw dwar il-prinċipji li jiggwidaw ir-rakkomandazzjonijiet.

PRINĊIPJI GWIDA TAL-POLITIKA DWAR IL-MIGRAZZJONI TAX-XOGĦOL:

1. L-EWWEL PRINĊIPJU: **Dan dwar iż-żamma fit-tul tal-ħaddiema barranin.**

   Sinċerament il-M.A.S. iħoss li ċertu diskorsi u r-rakkomandazzjonijiet effettivi jippuntaw lejn direzzjoni opposta għal dan il-prinċipju. Jista' jkun hemm ċertu kontradizzjonijiet, li wieħed biex jikkummenta sew dwarhom ma jistax jara biss il-proposta fuq il-karta iżda għandu jara l-applikazzjoni prattika u politika b'mod olistiku. Applikazzjoni li ovvjament għadha ma seħħitx.

   Il-M.A.S. jinnota li r-rapport jimplika l-bżonn ta' tnaqqis tad-dipendenza fuq il-ħaddiema barranin, partikolarment dawk mingħajr snajja jew professjonijiet partikolari li spiss jiġu sfruttati għal żmien qasir, u mibdula b'oħrajn bħalhom, mill-prinċipal li jimpjega. Il-M.A.S. flimkien mal-Gvern, iqis dan ħażin. Taħt dan il-prinċipju fil-fatt il-Gvern jenfasizza l-*"high turnover"* ta' ħaddiema barranin u jissuġġerixxi li jopponih biż-żamma tal-istess ħaddiema mill-prinċipali.

   **Iżda, ġeneralment ir-rapport jindika li l-vera premessa bażika tiegħu hija li għandha titnaqqas il-popolazzjoni barranija f'Malta. Il hemm jimmira d-diskors politiku f'dan ir-rapport u anke ħafna rakkomandazzjonijiet proposti fih. Kliem dwar żamma u integrazzjoni tal-ħaddiema barranin huma *castelli in aria* għalissa, għax wieħed irid jara aħjar aktar 'il quddiem biex ikun jista' jfaħħar, jikkritika kostruttivament u jekk bżonn għal Malta jopponi wkoll.**

   **Bla dubbju, jekk il-popolazzjoni barranija tonqos drastikament, allura jekk naraw li nżommu aktar fostna ħaddiema barranin b'xogħol ta' kwalità u verament essenzjali (għan-nazzjon, mhux għal xi kapitalist partikolari), iż-żamma tagħhom tista' tkun tajba.**

   **Però l-M.A.S. isostni li jekk il-politika timmilita għal titjib ġenerali tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u timbotta lill-operaturi ekonomiċi b'mod li jkollhom itejbuhom biex joperaw, mela allura dan il-kliem dwar żamma u "integrazzjoni" huwa żejjed, *buzzwords* bl-Ingliż. Dan ngħiduh għax jekk isir dak prospettat mill-M.A.S. kollox jaqa' f'postu b'mod olistikament progressiv għall-ħaddiema kollha f'Malta.**

2. IT-TIENI PRINĊIPJU: **PROTEZZJONI TAD-DRITTIJIET TAL-ĦADDIEMA U TITJIB TAL-KUNDIZZJONI TAX-XOGĦOL**

   Il-M.A.S. jaqbel ma' dan il-prinċipju u jinnota b'interess li (i) qiegħed jiġi sostnut li ħaddiema barranin bla kapaċitajiet partikolari għandhom jiġu limitati għal dak li assolutament neċessarju. Id-domanda li għandha ssir però, xi tfisser għall-Gvern assolument neċessarju (*"absolutely necessary"*)? (ii) Qiegħed jiġi rikonoxxut il-fatt li ċertu immigrazzjoni ta' ħaddiema barranin qiegħda twassal għal kompetizzjoni inġusta mal-ħaddiema Maltin fil-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Il-M.A.S. jilqa' b'sodisfazzjon dan ir-rikonoxximent, iżda jgħaqdu ma' dak li sostna dwar Malta fl-UE u x-xogħol f'4.IV hawn fuq.

3. IT-TIELET PRINĊIPJU: **ALLINJAMENT TAL-IMMIGRAZZJONI TAL-ĦADDIEMA BARRANIN MAL-ĦTIJIĠIET TAS-SUQ TAX-XOGĦOL**

   Il-M.A.S. jaqbel tendenzjalment ma' dan il-prinċipju, però jirriserva għax mill-kliem (maqbul) wieħed irid jara l-fatti, ir-riżultati u l-proposti konkreti għall-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju.

4. IR-RABA' PRINĊIPJU: **IMMIGRAZZJONI TAL-ĦADDIEMA BARRANIN IBBAŻATA FUQ IL-KAPAĊITAJIET TAL-ĦADDIEMA**

Il-M.A.S. jaqbel tendenzjalment ma' dan il-prinċipju, però jirriserva għax mill-kliem (maqbul) wieħed irid jara l-fatti, ir-riżultati u l-proposti konkreti għall-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju.

# IR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Fir-rapport il-Gvern ressaq 32 rakkomandazzjoni. Bħala sommarju, jingħad li l-M.A.S. jaqbel, iqis tajbin jew ma jopponix 29 rakkomandazzjoni. Minn dawk id-29 hemm uħud minnhom li l-M.A.S. jesprimi riservi, jew kontrorakkomandazzjonijiet tiegħu. Dan kif ġej hawn taħt.

***Recommendation 1 Minimum termination rates allowed prior to application***

Rakkomandazzjoni tajba, wieħed jawspika li però tiġi żviluppata progressivament fis-sens li l-perċentwali jiżdiedu u l-ingaġġ ta' impjegati minn pajjiżi terzi jkun aktar diffiċli. Dan jeħtieġ adattament ekonomiku gradwali.

***Recommendation 2 Redundancies***

Rakkomandazzjoni tajba, però sorprendenti sa ċertu punt.

Il-M.A.S. jistaqsi jekk dan hux diġà meħtieġ mil-liġi: Cioè li jekk tkeċċi (jew ejja ngħidu tibgħat 'l hemm) għal raġuni ta' nuqqas ta' xogħol, mela allura l-prinċipal ikun obbligat jerġa' joffri lura x-xogħol lil ħaddiem hekk terminat meta jerġa' jkun hemm dak ix-xogħol?

Kif ukoll, relatat ma' dan bħala kontroproposta jew kjarifika tal-proposta governattiva: **Jekk qed ngħidu għas-sitwazzjoni li fiha dak li ġie mkeċċi mill-prinċipal telaq mill-pajjiż, u allura l-prinċipal jiġi projbit milli jimpjega barrani floku, allura hekk tajjeb ħafna. Però, jekk mhux hekk, hawnhekk jista' jkollna bieb beraħ għall-abbuż mill-prinċipali.**

***Recommendation 3 Renewal period up from one to two years***

Xejn kuntrarju. Jiġi suġġerit biss evitar ta' *buzzwords* bħal *"integration"*, speċjalment meta assoġġettati għal entitajiet ideoloġikament diskutibbli li għal M.A.S. ġieli ssibhom imexxu aġenda kontra l-missjoni tiegħu.

***Recommendation 4 Higher fees for first-time permits, lower fees for renewals***

Rakkomandazzjoni tajba, però r-rata għall-applikazzjoni għandha tiżdied b'aktar, biex isservi ta' deterrent ġenwin sabiex il-prinċipali verament jaraw is-suq Malti u tal-UE tax-xogħol għal dak li jgħidu li għandhom bżonn. Inkella, bir-rispett kollu, se niġu f'sitwazzjoni li hija dik li qegħdin fiha jekk il-prinċipali ma jiġux imbuttati biex itejbu sostanzjalment il-kundizzjonijiet tax-xogħol. Il-Gvern jiftaħar b'ingaġġ sħiħ (*"full employment"*), u qisu ma jarax li b'dak offert fis-suq tax-xogħol f'Malta ftit li xejn se jiċċaqalqu ħaddiema mill-UE għalih, u aktar u aktar meta tqis il-kundizzjonijiet tal-għixien f'Malta inklużi spejjeż għall-prodotti alimentari, servizzi essenzjali u kirjiet residenzjali.

***Recommendation 5 Enhancing direct access to TCN recruitment***

Rakkomandazzjoni ġeneralment tajba, però b'kontroproposta l-M.A.S. isostni li għandna nkunu aktar radikali. Dawn l-affarijiet għandhom ikunu ġestiti direttament mill-Istat u b'diskrezzjoni totali tal-Istat. Għandna naqtgħu dan il-profitt dirett mid-dħul tal-barranin f'Malta.

***Recommendation 6 Desk-investigations and possible disqualifications***

Rakkomandazzjoni tajba ħafna, però l-M.A.S. jgħaqqadha mal-kontroproposta għar-rakkomandazzjoni 5.

***Recommendation 7 Consistent compliance with existing LMNT policies***

Rakkomandazzjoni tajba ħafna, il-M.A.S. jawgura u jinsisti għall-implimentazzjoni effiċjenti tagħha.

***Recommendation 8 Salary Payment method for newly engaged TCNs***

Rakkomandazzjoni tajba ħafna fiċ-ċirkostanzi.

***Recommendation 9 Extension of grace period for TCNs whose employment has been terminated***

Rakkomandazzjoni maqbula.

***Recommendation 10 Amendment to restrict single permit applications for non-work visa holders***

Rakkomandazzjoni tajba ħafna.

***Recommendation 11 Interim permits for TCNs from visa waiver countries***

Xejn opponibbli.

***Recommendation 12 Partners and families***

Mhux opposta.

***Recommendation 13 Establishing a high-risk country list for employment applications***

Tajba ħafna.

***Recommendation 14 A study on skilled-occupation salaries***

Tajba ħafna.

***Recommendation 15 Victims of human trafficking***

Tajba ħafna.

***Recommendation 16 Strengthening the vacancy requirement***

Rakkomandazzjoni tajba ħafna, madanakollu ma nistgħux nippretendu li japplikaw minn ħafna Stati Membri tal-UE meta l-kundizzjonijiet tax-xogħol, soċjali, ekonomiċi u ambjentali huma li huma biex barrani mill-UE jiġi jaħdem Malta. Jiġifieri, li jiġi mfittex impjegat mill-UE tajjeb, anke jekk milli wieħed jifhem dan biss jekk ikun qiegħed japplika diġà Malta jew japplika tramite l-EURES.

***Recommendation 17 Suitability check***

Xejn opponibbli, però din tixhed il-bżonn ta' bidla radikali fit-tul. Il-premessa tidher li hija li ma ngħaddux mingħajr ħaddiema barranin, iżda l-objettiv finali huwa riadattament biex dan ma jibqax hekk. Din il-politika waħedha ma tistax issolvi l-problemi fondamentali.

***Recommendation 18 Workforce application limits***

Sinċerament il-M.A.S. iqis li din tħalli t-triq miftuħa għal aktar tkabbir bl-importazzjoni ta' ħaddiema barranin.

Il-verità li ħafna impriżi ma jeżistux mingħajr ħaddiema barranin (fis-sens minn pajjiżi terzi barra l-UE) u spiss dawn mhux bżonnjużi għal ekonomija sostenibbli Maltija. Il-M.A.S. jaf li din taf tkun idea li mhix popolari fiċ-ċirkostanzi ekonomiċi relattivament tajbin li għaddejjin minnhom, però **hemm bżonn ripensament tal-politika ekonomika b'pedamenti verament nazzjonali. L-idea li tista' tinnegozja esklussivament bl-importazzjoni ta' ħaddiema barranin minn pajjiżi terzi għandha tiġi opposta, rifjutata u politikament imwaqqfa. Il-bqija ħa nraqqu l-pannu bil-qargħa ħamra u fis-sustanza se nkomplu fit-triq li konna, però se nagħmlu miżuri li jservu biss ta' bsaten fir-rota tal-isfruttar insostenibbli tal-ħaddiema barranin, liema rota se titħalla tibqa' ddur kif inhi. Dan Il-karru 'qas għandu jitlaq. Ma ninsewx li qed nitkellmu dwar barranin, ta' barra mill-UE. Li dawn kienu mill-UE storja oħra, fost l-oħrajn għal raġunijiet li tajna aktar 'il fuq.**

***Recommendation 19 Newly-registered businesses***

Tajba ħafna.

***Recommendation 20 First employment***

Il-M.A.S. iqis li din il-proposta bħala bidu hija tajba, però l-perċentwali huma baxxi u liberali wisq. Qegħdin nitkellmu għan-negozji kollha, u għall-Gvern **<u>kollha jista' jkollhom maġġoranzi ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi</u>. Dan mhux aċċettabbli, il-valuri għandhom jogħlew, apparti dan dil-miżura bħal oħrajn diġà qiegħda tanticipa għal eċċezzjonijiet għaliha u dwar dan il-M.A.S. jesprimi xettiċiżmu għalissa.** Wieħed irid jara eventwalment il-proposti konkreti kif kristallizati. **Bil-valuri diġà mhux tajbin, l-eċċezzjonijiet m'għandhomx ikunu permessi salv jekk approvati fl-ogħla livelli politiċi għall-interess nazzjonali u mhux għall-interess ta' xi negozju.**

***Recommendation 21 Minimum number of MT/EU nationals prior to application for TCNs***

Il-M.A.S. jesprimi l-istess ħsieb dwar dak espress għar-rakkomandazzjoni 20. Il-livelli huma estremament baxxi meta taħdimhom. Il-perċentwali ta' 80% ħaddiema barranin f'impriża biex jiskatta skrutinju ogħla hija perċentwali għolja wisq, il-M.A.S. isostni li għandna nibdew minn 50% u nnaqsuha progressivament. F'impriżi b'numru tajjeb u għoli ta' impjegati, ċikka biss għandhom ikunu Maltin skond il-Gvern. Dan m'għandux ikun, speċjalment f'Malta sovrapopolata.

*Recommendation 22 Renewal verification*

Tajba ħafna.

*Recommendation 23 Assessment of shortages and surpluses with the possibility of introducing quotas or moratoriums on surplus occupations*

Tajba ħafna.

*Recommendation 24 Skilled-occupation list*

Tajba ħafna.

*Recommendation 25 Reviewing the salary benchmarks for the KEI and SEI*

Tajjeb ħafna, però wieħed għandu jqis li dawn jiżdiedu wkoll progressivament maż-żmien.

*Recommendation 26 Integration courses prior to arrival in Malta*

Il-M.A.S. jopponi għal din ir-rakkomandazzjoni. M'hemmx bżonn integrazzjoni għal dawn il-migranti ekonomiċi, u sinċerament l-għan għandu jkun li jkunu temporanji u mhux permanenti anke jekk ikunu f'Malta għal għadd ta' snin. Onestament dawn mhux rakkomandazzjonijiet soċjoekonomiċi mill-Gvern, tax-xogħol, iżda proposti ideoloġiċi li jduru madwar direttorat li Malta m'għandiex bżonnu, apparti li dal-proposti piż żejjed fuq il-finanzi pubbliċi. Apparti dak, ħafna migranti ekonomiċi huma diġà ben integrati f'soċjetà li fiha tispiċċa titkellem bl-Ingliż ma' kull kantuniera, bil-Gvern joħroġ proposta politika u 'qas jgħaddiha lill-poplu bil-Malti, u aktar. Huwa l-Malti li se jispiċċa diżintegrat f'artu, fejn mank jista' jinqeda bil-Malti f'artu stess.

*Recommendation 27 Upskilling and integrating the foreign workforce*

Bħal rakkomandazzjoni 26.

*Recommendation 28 Lowering fees for occupations within the health and care of persons with disability and the elderly*

Maqbula.

*Recommendation 29 Skills card expansion*

Maqbula.

*Recommendation 30 Align labour migration policy to the national skills strategy*

Maqbula.

*Recommendation 31 Strategic Partnerships*

Maqbula.

*Recommendation 32 Register of exemplary employers – longer renewal periods*

Maqbula.

**Bl-approvazzjoni tal-Kumitat Nazzjonali, u f'isem il-Moviment Azzjoni Soċjali:**

***avv. Edric Micallef Figallo***

***President – Moviment Azzjoni Soċjali***

***president@mas-malta.eu***